MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Numru. 83/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**John Lewis Cachia**

**Illum, 31 ta’ Ottubru 2013**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat John Lewis Cachia ta’ 46 sena, iben Joseph u Josephine nee` Bartolo, imwieled l-Awstralja nhar l-24 ta’ Frar 1963, residenti 40, Triq San Gwann, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita` numru 584185(M)

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar is-16 ta' Awwissu 2009, kif ukoll f'dawn l-ahhar tliet xhur, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqaw iz-zghazagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll

intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Aktar talli akkwista, kellu l-pussess ghal liema ghan ikun jew zamm ghandu munizzjon imsemmi fl-Iskeda I tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. J. Apa Bologna LLD nhar l-10 ta' Jannar 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' April 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentatha minnha fit-22 ta' Lulju 2013. Id-difiza baqghet ma ssottomettietx in-nota ta' sottomissjonijiet taghha, minkejja li nghatat zmien sabiex taghmel dan.

**Ikkunsidrat**:

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011, id-difiza rrizervat illi fi stadju ulterjuri, hija tirregola ruhha dwar il-validita` jew l-ammissibilita` tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Fil-fatt dan id-difiza baqghet ma ghamlitux. Madankollu ghal kull buon fini, il-Qorti sejra xorta wahda tidhol fil-kwistjoni rigwardanti l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Mhuwiex kontestat illi fil-jum li fih ittiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fis-17 ta' Awwissu 2009, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti illi persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt tas-smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukut waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur*."

F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq u dan ghaliex *inter alia*:

1. Meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrenti kien ragel matur li diga` kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk

kellu esperjenza ta’ interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta’ vulnerabilita` hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn isir l-interrogatorju.

2. Ir-rikorrenti kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa’ sieket u ma jwegibx, u skond il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta’ jaghmilha minghajr konsegwenzi ta’ xejn u cioe` minghajr ma ssir l-ebda inferenza mill-fatt li huwa jibqa’ sieket.

3. Sakemm infethet il-kawza, ir-rikorrenti qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li kien fiha.

Il-Qorti Kostituzzjonali regghet irribadiet dan l-insenjament taghha fil-kawza fl-ismijiet **<u>Repubblika ta’ Malta vs Alfred Camilleri</u>**, deciza fit-12 ta’ Novembru 2012, izda f’dan il-kaz waslet ghall-konkluzjoni illi fil-fatt kien gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq tal-akkuzat ghaliex *inter alia*:

1. Ghalkemm l-akkuzat diga` kellu xi kundanni fil-fedina penali qabel il-mument tal-interrogazzjoni, ma rrizultax li qatt kien skonta sentenza ta’ prigunerija u lanqas ma rrizulta illi huwa kellu xi esperjenza ta’ interrogazzjoni mill-pulizija jew kien involut fi tfittxija kif fil-fatt saritlu.

2. Ghalkemm l-akkuzat kien suspettat bit-twettiq ta’ reat, qabel ma bdiet it-tfittxija fir-residenza ta’ ommu, huwa ma nghatax it-twissija li kellu jedd jibqa’ sieket sabiex ma jinkriminax ruhu.

Fis-sentenza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta’ Frar 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Amanda Agius</u>**, il-Qorti Kostituzzjonali kkonkludiet illi l-uzu tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata f’dak il-kaz, kien bi ksur tal-Artikolu 6 tal-

Konvenzjoni, ghaliex din ma nghatatx l-opportunita` li tiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni.  Fl-istess sentenza, il-Qorti regghet irribadiet l-insenjament taghha fiz-zewg sentenzi hawn fuq citati.  Fil-fatt, din is-sentenza hija fuq l-istess binarji ta' sentenza ohra moghtija fl-istess jum ossia dik fl-ismijiet **Pulizija vs Tyrone Fenech**, fejn inghad hekk:

"… *il-qorti tibda biex tghid illi l-jedd ta' ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jinghata mhux biex tinholoq formalita` li n-nuqqas taghha jaghti mezz ta' difiza lill-akkuzat: dak il-jedd jinghata ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, weghdiet, vjolenza jew b'xi mod iehor abuzivament.  Il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat.*

*… Ghalkemm din il-qorti ma taqbilx illi hija interpretazzjoni korretta tal-kaz ta' Salduz illi tghid illi n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat iwassal, ghalhekk biss u ipso facto, ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq*[1]*, madankollu jista' jigri, indipendentement minn x'intqal f'Salduz, illi stqarrija mehuda minghajr il-garanziji ta' legittimita` twassal ghall-ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq, mhux ghax l-interrogat ma kellux ghajnuna ta' avukat izda ghax l-istqarrija tkun ittiehdet abuzivament u ma tkunx ta' min joqghod fuqha.*

*… Din il-qorti ga` osservat illi l-jedd ghal smiegh xieraq ma jinghatax biex min hu hati jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu minhabba xi formalita` nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali.  Qabel ma dahal fis-sehh l-Art. 355AT tal-Kodici Kriminali l-jedd ghal parir ta' avukat kien maghruf bhala element tal-jedd ghal smigh xieraq bil-hsieb illi jitharsu persuni illi, minhabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilita`, djghufija jew biza', setghu jaghmlu stqarrijiet li bis-sahha taghhom jinsabu hatja meta fis-sewwa hatja ma humiex.  L-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bhal*

[1] Il-Qorti hawnhekk ghamlet referenza ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Avukat Generali, u sentenza ohra fl-ismijiet Joseph Bugeja vs Avukat Generali (Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Jannar 2013).

*dawn isservi biex teghleb dik il-vulnerabilita` u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija.*"

F'dak il-kaz, stante illi l-imputat kien ghadu kemm ghalaq dsatax-il sena meta ghamel l-istqarrija, il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi jista' jkun li minhabba l-eta` tieghu, huwa kellu dik il-vulnerabilita` u ghalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija iwassal ghal ksur tal-Artikolu 6. L-istess gie deciz fil-kaz **Pulizija vs Amanda Agius**, fis-sens illi minhabba l-eta` taghha, hija wkoll kellha dik il-vulnerabilita`.

Dawn il-principji regghu gew ribaditi f'sentenza ohra ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' April 2013, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech**, f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-gurisdizzjoni superjuri taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et** moghtija fid-9 ta' Mejju 2013 u f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Mejju 2013, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**.

Fil-kaz odjern, meta ttiehdet l-istqarrija, l-imputat kellu 46 sena u kien diga` skonta piena ta' prigunerija in konnessjoni ma' reat identiku ghar-reat li dwaru kien qed jigi interrogat mill-pulizija. Huwa evidenti ghalhekk illi l-imputat kien midhla tal-pulizija u tal-mod kif isiru l-interrogazzjonijiet u ma kienx ser jintimida ruhu bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju tieghu.

L-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrija rilaxxjata minnu u ma allegax illi gie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex ghamel l-istqarrija jew li kien ibati minn xi vulnerabilita` partikolari xort'ohra meta ghamel l-istess stqarrija. Il-presenza ta' avukat hija garanzija li ma jsirux abbuzi bhal dawn, izda ma saret l-ebda allegazzjoni mid-difiza li dan fil-fatt sehh fil-kaz tieghu. Minkejja n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat, ghalhekk, ma kien hemm xejn illecitu jew abbuziv fit-tehid tal-istqarrija tal-imputat. L-imputat kien ukoll inghata s-solitu twissija, qabel ma rrilaxja l-istqarrija tieghu, fis-sens illi huwa ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem, imma dak li jinghad jista' jingieb bhala prova.

Minghajr ebda dubju, huwa nieqes dak l-element ta' vulnerabilita`, biex bhal f'kazijiet ohra inkluz dak ta' Salduz, jinstab illi hemm ksur ta' drittijiet fundamentali. Ma jirrizultax li hemm xi perikolu oggettiv illi minhabba fin-nuqqas ta' assistenza minn avukat meta huwa rrilaxxja l-istqarrija, ser jigi lez id-dritt tal-imputat ghal smiegh xieraq skond l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija tal-imputat bhala prova ammissibbli f'dawn il-proceduri.

Stabbilit dan il-punt, l-ezercizzju li ghandha u li sejra twettaq din il-Qorti huwa illi tanalizza jekk l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gewx pruvati mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, kif trid il-ligi.  Ghaldaqstant, il-Qorti ser tifli l-provi mressqa fir-rigward ta' kull imputazzjoni.

1. *Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh*

Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011, l-Ispettur Jesmond J. Borg xehed illi nhar is-16 ta' Awwissu 2009, hekk kif il-pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga kienu qeghdin jezegwixxu mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat u huh, l-istess imputat kien gie osservat hdejn l-Amazonia Club, gewwa Bugibba.  Hekk kif huwa pparkja l-vettura tieghu, Mitsubishi Strada bin-numru ta' registrazzjoni FBM 686, l-imputat gie mwaqqaf mill-pulizija u saritlu tfittxija.  Waqt din it-tfittxija instabet borza tal-*plastic* zghira, konsistenti fi trab abjad suspettat droga kokaina, li skond l-istess xhud kellha piz ta' tlett grammi.  Skond l-Ispettur Borg, wara li l-imputat inghata s-solita twissija, huwa stqarr illi dik id-droga kienet tieghu u li din kienet ghall-uzu personali tieghu.  Fil-vettura tal-istess imputat, instab *pepper spray*.

Tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat gewwa n-Naxxar tat rizultat negattiv.[2]

Skond l-istess xhud, l-imputat irrilaxxja stqarrija fis-17 ta' Awwissu 2007 (fil-fatt l-istqarrija giet rilaxxjata fis-17 ta' Awwissu 2009[3], kif anke kkonferma l-istess xhud sussegwentement in kontro-ezami[4]) u dan wara li nghata s-solita twissija, fil-presenza tal-istess Spettur Borg, kif ukoll ta' WPS 86 Diane Fenech[5]. Huwa gharaf il-firma tieghu u l-firem tal-imputat u ta' WPS 86 rispettivament.

Fl-istess seduta tal-21 ta' Novembru 2011, xehed ukoll PS 1086 Johann Micallef li qal illi fis-16 ta' Awwissu 2009, flimkien ma' membri ohra tal-Iskwadra kontra d-Droga, huwa kien waqqaf lill-imputat vicin l-Amazonia. L-imputat ittiehed gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra sabiex issirlu tfittxija, fejn l-istess imputat kien ghadda lix-xhud borza bi trab abjad li kienet tinsab fil-qalziet ta' taht tieghu. L-istess xhud qal illi fir-residenza tal-imputat ma kinitx instabet droga.[6]

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fis-17 ta' Awwissu 2009, l-imputat qal illi madwar sena qabel, huwa kien rega' beda jabbuza mid-droga kokaina fil-*weekends* u dan wara li kien waqaf jaghmel dan ghal xi zmien. Huwa qal illi fil-jum ta' qabel, meta gie arrestat mill-pulizija, huwa kien sejjer l-Amazonia.

---

[2] Xhieda tal-Ispettur Jesmond J. Borg, a fol. 15 tal-process.
[3] L-istqarrija tal-imputat tinsab esebita a fol. 19 tal-process.
[4] A fol. 18 tal-process.
[5] Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011, WPS 86 Diane Fenech ikkonfermat illi fis-17 ta' Awwissu 2009, hija kienet xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, wara li nghata s-solita twissija mill-Ispettur. Hija gharfet il-firma taghha, tal-Ispettur Borg u tal-imputat fuq l-istess stqarrija (a fol. 22 u 23 tal-process).
[6] A fol. 24 u 25 tal-process. L-Ispettur Saviour Baldacchino, li xehed fis-seduta tas-16 ta' April 2012, qal illi huwa kien inghata *handover* tal-imputat wara li kienet saret tfittxija fuqu. Huwa kien gie mqabbad jaghmel tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat gewwa n-Naxxar, liema tfittxija rrizultat fin-negattiv (a fol. 27 u 28 tal-process). Fl-istess seduta, PC 1372 Alan Cutajar ikkonferma wkoll illi fis-16 ta' Awwissu 2009, l-imputat kien gie mwaqqaf vicin Amazonia, f'Bugibba. Huwa qal ukoll illi kienet saret tfittxija fuq l-imputat gewwa l-Ghassa tal-Qawra, fejn is-Surgent kien informah illi l-imputat minn jeddu kien tah xi borza bi trab abjad (a fol. 29 u 30 tal-process).

L-imputat qal ukoll illi huwa kien jabbuza mill-kokaina billi jaghmel linja u jigbidha[7] u li ghalkemm huwa kien jixtri droga skond kemm kien ikollu flus, normalment, huwa kien jixtri zewg grammi. L-ahhar darba li kien xtara, huwa kien akkwista zewg grammi ossia d-droga li kienet instabet fuqu fil-jum ta’ qabel, ghal liema droga huwa kien hallas €140.

Meta gie ssuggerit lilu illi ma kinitx l-ewwel darba li huwa qasam id-droga li kellu ma’ haddiehor, l-imputat wiegeb illi huwa gieli ha linja ma’ haddiehor, ghalkemm mhux biex jaqla’ l-flus. Huwa qal illi fil-fatt gieli mar minn taht. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa mhux biss gieli ha linja ma’ haddiehor, izda anke ta xi linja lil haddiehor, l-imputat wiegeb fl-affermattiv. L-imputat spjega illi hekk kif gieli xi hadd ihallas *drink* lil haddiehor u sussegwentement dan tal-ahhar jirrikambja, gieli kien hemm min lilu tah linja u ghalhekk hu gieli ta linja lil min ikun tah linja minn tieghu.

L-imputat zied jghid illi madankollu huwa ma kienx jaghti droga lil min ma kienx jafu u cahad illi huwa kien jaqdi lil min talbu d-droga. Sussegwentement, l-imputat spjega illi ghalkemm ghall-ewwel huwa kien jabbuza mid-droga wahdu, biz-zmien, kien hemm hbieb tieghu li kienu joffrulu mid-droga taghhom, fis-sens illi meta huma kienu jaghmlu linja, kienu jghidulu biex jiehu ftit droga maghhom. Huwa kien ikollu d-droga tieghu, u ghalhekk la darba huma jkunu offrewlu minn taghhom, huwa kien joffrilhom minn tieghu. Huwa spjega illi qatt ma qala’ flus mid-droga, anzi kwazi dejjem mar minn taht, ghaliex fil-waqt li haddiehor kien jaqsam gramma mieghu, huwa kien jaqsam maghhom iz-zewg grammi li solitament kien ikollu.

L-imputat stqarr ukoll illi gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn peress illi kien ikun ghadu kif abbuza mid-droga, huwa ma kienx jiehu d-droga ma’ dawn il-persuni l-ohra, izda kien jaghmlilhom linja fit-*toilet*, jidhlu huma u jabbuzaw minnha. Dan, skond hu, ma kienx jaghmlu ghal flus.

[7] A fol. 19 tal-process.

Meta gie ssuggerit lilu illi hu gieli ta d-droga bil-flus, huwa wiegeb illi "*Dawk il-persuni li gieli ghamluli linja u zammewli l-flus, meta talbuni linja, zammejtilhom il-flus ukoll*". Mistoqsi kemm kien izomm flus huwa, wiegeb "*Forsi €10 ta' linja. Kien hemm min talabni €20 ta' linja pero` jien qatt ma qlajt flus minnha. Ladarba bniedem tkun tafu, mhux ser taqla' flus mieghu. Aktar u aktar meta huma jaghtuhieli €10 bhal ma nkun tajtielhom jien. Fil-fatt, min talabni €20, qatt ma kelli x'naqsam aktar mieghu*" [8].

Mistoqsi jghid kif kien jiftiehem sabiex jaghti d-droga lil haddiehor, l-imputat stqarr illi dawn kienu jmorru fejn kien ikun qieghed hu u jistaqsuh jekk ghandux droga. "*Jekk ikolli nghidilhom li ghandi u jekk ikun persuna li jkun jehodli l-flus, nehodlu l-flus qabel u nidhol mieghu u naghmillu linja*. *Imbaghad johodha wahdu. Jekk pero` ikun xi wiehed li ma jkunx johodli flus, jien naghmillu linja b'xejn …*"[9].

Mistoqsi kemm il-darba kien imur gewwa l-Amazonia, huwa qal illi fis-Sajf huwa jmur kuljum minbarra l-Gimgha, ghaliex il-Gimgha jkun maghluq.

Rigward il-*pepper spray* li nstab fil-vettura tieghu, l-imputat stqarr illi huwa kien jahdem bhala *security*, u kien xtrah sabiex ikun jista' jiddefendi ruhu kemm il-darba jinqala' xi haga. Huwa ma kienx izomm l-imsemmi *spray* fuqu, izda fil-vettura tieghu.

L-imputat ikkonferma illi s-sustanza li nstabet fuqu, kienet kokaina.[10] Dan gie wkoll ikkonfermat mid-difiza fis-seduta mizmuma fil-21 ta' Novembru 2011.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, jirrizulta minghajr ebda dubju illi l-imputat kien fil-fatt iforni d-droga kokaina. Ghalkemm jidher, minn dak li stqarr l-istess imputat, illi

[8] A fol. 20 tal-process.
[9] A fol. 21 tal-process.
[10] A fol. 21 tal-process.

kien hemm ukoll element ta' *trafficking by sharing* (li wara kollox ukoll jammonta ghar-reat ta' traffikar salv ghal beneficcju moghti mil-ligi a tenur tal-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101) madankollu, dan ma kienx dejjem il-kaz, ghaliex fi kliemu stess, "*Jekk ikolli, nghidilhom li ghandi u jekk ikun persuna li jkun johodli l-flus, nohodlu l-flus qabel u nidhol mieghu u naghmillu linja. Imbaghad johodha wahdu. Jekk pero` ikun xi wiehed li ma jkunx johodli flus, jien naghmillu linja b'xejn …*"[11]. Fl-istess stqarrija, l-imputat qal ukoll illi "*Gieli kien hemm hinijiet fejn jien inkun ghadni kemm hadt u meta jigu hdejja, naghmlilhom linja fit-toilet u jidhlu huma u johduha*" [12]. Dawn il-fatti jinkwadraw perfettament fir-reat ta' traffikar tad-droga. Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, kif presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano, fis-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marvin Cachia**, "*Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-cannabis) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm it-traffikar skond il-ligi*".

L-imputazzjoni tirreferi ghas-16 ta' Awwissu 2009 u fl-ahhar tliet xhur ta' qabel din id-data. Ghalkemm ma ngabu l-ebda provi illi fil-fatt l-imputat kien lahaq traffika d-droga kokaina dakinhar li gie arrestat mill-Pulizija, ossia fis-16 ta' Awwissu 2009, ghaliex fil-fatt huwa gie mwaqqaf hekk kif kien sejjer gewwa Amazonia, f'Bugibba, jirrizulta minn dak li qal huwa stess fl-istqarrija tieghu, illi huwa kien ilu li rega' beda jabbuza mill-kokaina madwar sena – ghalhekk bejn wiehed u iehor minn Awwissu 2008 il'quddiem - u illi fis-Sajf, huwa kien imur Amazonia kuljum, hlief ghal nhar ta' Gimgha, stante li dakinhar l-imsemmi stabbiliment kien ikun maghluq. Ghalkemm huwa ma jsemmix b'mod esplicitu l-post fejn huwa kien iforni d-droga, huwa jghid illi huwa kien jaghmel linja ghal haddiehor fit-*toilet*, fejn dawn kienu jidhlu sabiex jabbuzaw minnha. Sussegwentement, jghid illi dawn il-persuni

[11] A fol. 21 tal-process.
[12] A fol. 20 tal-process.

kienu jmorru fil-post fejn kien ikun qieghed hu u kif inghad izjed il'fuq, jghid ukoll illi fis-Sajf, huwa kien ikun gewwa Amazonia kuljum. Ghalhekk la darba l-imputat fil-fatt gie arrestat f'Awwissu tas-sena 2009, iz-zmien li fih giet impostata l-imputazzjoni tinkwadra sew ma' dak li qal l-imputat. Mhux biss, izda wiehed jista' jasal ukoll ghall-konkluzjoni, minn dak li ghadu kif inghad, u dan sal-grad rikjest mil-ligi, illi l-imputat kien jittraffika d-droga gewwa Amazonia – post fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni ippruvat din l-imputazzjoni kontra l-imputat sal-grad rikjest mil-ligi in kwantu bhala zmien din tirrigwarda t-tliet xhur ta' qabel is-16 ta' Awwissu 2009, ghalkemm mhux ghal dak li jirrigwarda d-data tas-16 ta' Awwissu 2009.

2. *Pussess ta' droga kokaina f'cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu*

In vista tal-kunsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ossia l-fatt illi kif ammetta huwa stess fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat kien iforni d-droga kokaina lil terzi persuni, kif ukoll il-fatt illi dakinhar tal-arrest tieghu, instabet fuq il-persuna tal-imputat id-droga kokaina - skond hu fil-piz ta' zewg grammi – hekk kif huwa kien fi triqtu lejn Amazonia ossia l-post li huwa kien solitament iforni d-droga minnu, il-Qorti hija sodisfatta illi anke din l-imputazzjoni giet ippruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi u dan kemm ghal dak li jirrigwarda is-16 ta' Awwissu 2009, kif ukoll fit-tliet xhur ta' qabel din id-data.

3. *Akkwist, pussess jew zamma ta' munizzjon*

Illi ai termini tal-Artikolu 3(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, huma projbiti l-akkwist, il-pussess ghal-liema ghan ikun, iz-zamma jew l-importazzjoni tal-armi regolari u l-munizzjon imsemmija fl-Iskeda I. Din l-Iskeda, imbaghad, issemmi "*munizzjon li jirrilaxxa sustanzi letali jew irritanti bhal gass tad-dmugh*". Ghalhekk la darba l-munizzjon misjub fil-pussess tal-imputat kien *pepper spray,* kif wara kollox ammetta l-istess imputat fl-istqarrija tieghu, liema *pepper spray* certament illi jista' jigi meqjus bhala munizzjon li jirrilaxxa sustanzi irritanti, bhal gass tad-dmugh, il-Qorti hija sodisfatta illi anke din l-imputazzjoni giet ippruvata mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

4. *Recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Jannar 2006*

Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2012, il-prosekuzzjoni esebiet is-sentenza msemmija fir-raba' imputazzjoni, ossia dik moghtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fl-10 ta' Jannar 2006[13], skond liema sentenza, l-imputat kien gie kkundannat ghal multa ta' Lm15 u dan talli nstab hati skond l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 338(ee) huwa wiehed kontravvenzjonali u ghalhekk ghalkemm ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9, l-imputat huwa recidiv, ma japplikax fil-konfront tieghu l-Artikolu 50, ghaliex kif inghad, ir-reat mertu tas-sentenza msemmija m'huwiex wiehed ta' natura delittwali. Lanqas ma japplika l-Artikolu 53 tal-istess Kap. 9, ghaliex ghaddew izjed minn tliet xhur mil-jum li fih l-imputat skonta l-piena (multa ta' Lm15) sal-jum li fih gew kommessi r-reati mertu ta' din il-kawza.

Ghalhekk il-Qorti fil-waqt li qeghda tqis lill-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'

[13] A fol. 32 tal-process.

Malta, madankollu, tenut kont dak appena suespost, kif ukoll in-natura kontravvenzjonali tar-reat mertu tas-sentenza msemmija, mhijiex qeghda tiehu dan in konsiderazzjoni ghal fini ta' piena.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Il-Qorti kkunsidrat illi nhar is-16 ta' Awwissu 2009, il-pulizija sabu fil-pussess tal-imputat madwar zewg grammi kokaina u dan kif jirrizulta mill-istqarrija tal-istess imputat.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali minkejja illi tikkonsisti fil-maggor parti taghha f'kundanni dwar reati ta' natura kontravvenzjonali, tinkludi wkoll kundanna dwar traffikar ta' droga eroina, fir-rigward ta' liema reat l-imputat kien inghata piena ta' erba' snin prigunerija effettiva.

Il-Qorti qieset min-naha l-ohra illi l-imputat, ghalkemm ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, kkopera mill-ewwel mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u dan kif jirrizulta car mill-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat fil-jum ta' wara l-arrest tieghu.

Il-Qorti kkunsidrat ghal fini ta' piena, illi t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li din serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar ta' droga kokaina.  In oltre, il-Qorti applikat ukoll l-Artikolu 17(f) tal-istess Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 3(a), 51(1)(b) u Skeda I tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17 (f) u (h) u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu (salv ghal dak li nghad fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ossia illi ssibu hati tar-reat ikkontemplat f'din l-imputazzjoni fir-rigward tat-tliet xhur qabel is-16 ta' Awwissu 2009 u mhux fir-rigward tas-16 ta' Awwissu 2009) u tikkundannah ghall-piena ta' **tmintax-il xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom **-** u **multa ta' disa' mija u hamsin Euro** (**€950)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Stante illi ma gew mahtura l-ebda esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni, sabiex l-imputat jigi ordnat illi jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga li tifforma parti minn Dokument JJB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna l-konfiska tal-*pepper spray*, fil-waqt li tordna r-rilaxx tal-*mobiles* lill-imputat, liema *pepper spray* u *mobiles* ukoll jifformaw parti minn Dokument JJB2.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------